# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 529/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Maria Stella Cutajar)

vs

**Joseph Pace**

iben Michael, imwieled Rabat, Gozo, fl-24 ta' Lulju, 1955, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 45655(G)

Illum, 28 ta' Frar, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Pace quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fis-sittax (16) ta' Ottubru, 2012 kif ukoll fit-tnax (12) ta' Dicembru, tas-sena elfejn u tnax (2012) fic-Cirkewwa, limiti tal-Mellieha,u f'dawn il-Gzejjer, waqt li kien qed jaghmel uzu minn vettura tal-marka TOYOTA DYNA b'chassis numru BU2020100057:

1. Saq l-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.
2. Saq l-imsemmija vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta biex tintuza fit-triq.
3. Saq l-imsemmija vettura minghajr pjanci tan-numri tar-registrazzjoni.
4. Kellu fil-pusses tieghu jew taht ir-responsabbilta tieghu l-imsemmija vettura meta ma kienitx giet registrata ma' l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta.
5. Saq l-imsemmija vettura bi pjanca "Trial Run" numru TR187 u kiser il-kondizzjonijiet li hemm imposti fl-uzu tal-pjanca "Trial Run".

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Novembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65, l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 u l-artikoli 3, 13 (1), 32(7) u 36 tal-L.S. 368.02, ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500) u sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' sena.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Pace pprezentat fid-29 ta' Novembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell billi thassar u tirrevoka s-sentenzata appellata fejn huwa nstab hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, u minflok jigi liberat minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

L-appellant umilment jirrileva illi, bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt issibu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu a bazi tal-provi prodotti, u konsegwentement, jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi.

Illi fl-ewwel lok, l-appellant jirrileva li kien qed isuq l-imsemmi van fit-tnax (12) ta' Dicembru 2012, u ghaldaqstant l-akkuzi li l-appellant kiser ir-regolamenti fis-sittax (16) ta' Ottubru 2012 ma jirrizultawx mill-provi. Fis-sittax(16) ta' Ottubru 2012, il-van kien misjuq minn terza persuna, impjegat iehor tal-istess Saviour Cassar kif jirrizulta minn l-affidavit ta' P.C. 370 L.Vella.

L-appellant kien impjegat ma’ Saviour Cassar biex igorr id-dqiq u l-imsemmi van propjeta' tal-istess Saviour Cassar kien il-van provdut minnu. L-appellant kien sempliciment impjegat u li solitament joqghod ghall-istruzzjonijiet li jaghtih l-imghallem. Hu ma kellu ebda diskrezzjoni jaghzel liema van juza ghall-garr tal-ixkejjer. L-appellant kien imqabbad biex igorr l-ixkejjer permezz tal-van assenjat lilu mill-imghallem.

L-appellant ma qabadx u saq vettura ta’ kwalsiasi persuna njota izda l-van tal-imghallem tieghu, persuna li jafu u jafda u ma kellu ebda raguni jissusspetta li l-vettura provduta mill-imghallem tieghu ghall-qadi ta’ dmirijietu kienet tikser ir-regolamenti. Tant hu hekk li l-vettura li kienet kbira u konspikwa kienet qed tinstaq fit-triq lejn il-vapur ta’ Ghawdex u mhux f’xi post imwarrab. L-appellant ma kienx qed isuq vettura ta’ xi hadd li ma kienx jafx izda tal-imghallem tieghu u ghaldaqstant ma kellux raguni li jiddubita mill-vettura li pprovdielu.

Min-naha tieghu, l-appellant, impjegat bhala xufier kellu licenzja tas-sewqan valida hekk kif titlob il-ligi. Ir-responsabbilta' tal-van/trakk kienet ta' sid il-van u cioe' l-imghallem Saviour Cassar.

Fit-termini tad-difiza ta’ l-artikolu 3(1B) tal-Kap 104 rigward l-assigurazzjoni kontra r-riskji ta’ terzi persuni, l-appellant ma kellux raguni jissusspetta li l-van imsemmi ma jissoddisfax l-artikolu 3 tal-Kap 104. L-imsemmi van kien diga gie mwaqqaf fis-sittax (16) ta’ Ottubru tal-istess sena ghall-istess ragunijiet meta kien misjuq minn impjegat iehor tas-Sur Saviour Cassar, cioe' l-kollega Saviour Camilleri. L-imghallem kien gie infurmat b’dan minn l-istess Saviour Camilleri. Pero' ghalkemm l-imghallem Saviour Cassar ingibditlu l-attenzjoni li l-imsemmi van kien qed jikser ir-regolamenti, jidher li dan ma ha l-ebda passi biex igib il-van konformi mal-ligi.

L-appellant instab hati meta kien l-imghallem tieghu li inducih fl-izball u hu kien sempliciment jobdi l-istruzzjonijiet tal-imghallem tieghu u jaqdi dmiru li jgorr l-ixkejjer tad-dqiq bil-vettura li jipprovdielu l-imghallem stess u dan meta kellu kull raguni jafda li l-imghallem tieghu kien qed jaghtih vettura licenzjata u inxurjata skont il-ligi.

Inoltre, l-appellant minhabba l-irresponsabbilta u n-negligenza tal-imghallem tieghu spicca bil-licenzja tas-sewqan tieghu sospiza, meta xogholu hu ta’ xufier u ghalhekk il-licenzja tas-sewqan ghalih hija ndispensabbli ghax jiddependi l-introjtu kollu finanzjarju tieghu u tal-familja tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel lok jirrizulta mill-provi li l-appellant gie mwaqqaf mill-pulizija fit-12 ta' Dicembru, 2012 u dak in-nhar biss. Ghalhekk, jirrizulta li hu ma kienx qed isuq il-vettura in kwistjoni fis-16 ta' Ottubru, 2012.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta car li dak li ntqal hawn fuq mill-appellant hu kollu minnu.

Illi ma hemm ebda prova li l-appellant kien jaf li kien qed isuq vettura li ma kinitx konformi mal-ligi.

Illi hu car li l-appellant gie ordnat minn Saviour Cassar biex isuq din il-vettura u ma kellu ebda mezz biex jikkontrolla jekk din il-vettura kinitx fit-triq skont il-ligi.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa l-appell ta' Joseph Pace. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-appellant minn kull htija u piena.